# IL-KNISJA TA' SAN GWANN

*(Jaqbad mill-paġna 5)*

ħaseb li kien wasal iż-żmien biex dik il-knisja bid-dotazzjoni kollha tagħha taqa' f'idejn id-Djoċesi. Iżda l-Amministratur Civili, kif ordnalhom Sir Alexander Ball, żammew f'idejhom il-bini u l-fondazzjonijiet kollha tal-Knisja, għar-raġuni li l-Kuruna Ngliża rriservat il-jeddijiet kollha li kien igawdi l-Grammmastru f'Malta bħala Sovran.

M swewx quddiemu l-argumenti tal-Isqof: (1) li dik il-knisja kienet tappartjeni lill-Grammastru bħala Kap ta' Ordni Reliġjuż; (2) li, wara t-tluq tal-Ordni s-Santa Sede ħatret ukoll lill-Isqof Delegat Appostoliku għall-knejjes ta' Ordni Gerosolmitan fid-djoċesi; (3) u li l-Fundatur tal-Knisja ried li, fil-każ tat-tluq tal-Ordni minn Malta, il-knisja taqa' f'idejn il-kleru Malti.

Fl-1812, waslet hawn Malta Kummisjoni Rjali biex tistħarreġ dwar il-qagħda tal-Gżira. L-Isqof Mattei qiegħed quddiemha l-kwestjoni ta' San Gwann; iżda l-Kummissjoni kitbet li r-renti u d-dotazzjonijiet ta' San Gwann huma kbar ħafna u l-Kuruna Ingliża ma kellhiex iċċedihom. Is-sena ta' wara, il-Gvern Ingliż ordna lill-Gvernatur Maitland biex jiċħad kategorikament il-jeddijiet tal-Isqof fuq dawk ir-renti u dotazzjonijiet.

Il-Gvern Ingliż u, warajh, il-Gvern Malti baqgħu jamministraw favur tagħhom il-ġid tal-Knisja ta' San Gwann u jaħsbu fl-istess ħin għall-manutensjoni tal-bini u għall-provvista ta' ħwejjeġ meħtieġa għall-lokal u, barra minn f'xi każ rari, dejjem ħassew l-obbligu morali li jirrispettaw ir-rieda tal-Isqof u tal-Kapitlu Katedrali f'dak li jsir jew ma jsirx sija fil-knisja. kif ukoll madwarha Filwaqt li, kif jidher, la l-Isqof u lanqas il-Gvern ma ċedew il-jedd tal-proprjeta tal-knisja, huma sabu mezz ta' relazzjoni tajba bejniethom. Nittamaw li dan il-ftehim ma jiġi qatt nieqes.

### X'ĠARA U X'SAR F'SAN ĠWANN

X'rat u x'semgħet din il-Knisja ta' San Gwann? Fiha ntgħażlu l-Granmastri tal-Ordni u ġew ikkonsagrati Isqfijiet. Kavallieri bid-daqqa tax-xabla fuq spalthom ġew maħtura bi stqarrija difensuri tal-Fidi Nisranija. U Isqfijiet b'idejhom mifruxa nizzlu fuq żgħażagħ l-Ispirtu s-Santu u bagħatuhom ixandru l-Bxara t-Tajba. Hawn inġabru fil-hemm u fil-mard, fil-għaks u fil-ħbit, missirijietna ħa jitolbu ħniena 'l Alla u l-għajnuna tal - Madonna. Minn hawn ħarġu proċessjonijiet solenni u hawn daħlu pellegrinaġġi kbar u devoti. Hawnhekk infetħu Kongressi Kattoliċi Nazzjonali u Internazzjonali u saru ċelebrazzjonijiet Centinarji grandjużi. Hawnhekk għadna niltaqgħu ħa nroddu ħajr lil Alla għar-rebħiet u s-suċċessi tagħna, u ħa niftakru f'dawk li mietu għalina.

Din hi fil-qasir l-istorja tal-Knisja Konventwali tal-Ordni glorjuż Gerosolmitan, illum Knisja Konkatedrali ta' Malta, il-ġisem fejn l-aktar jinħass it-taħbit tal-qalb nisranija ta' Malta.